**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 9 ta` Jannar 2020**

**Kawza Nru. 8**
**Rikors Nru. 10/18/1 JZM**

**Dr John Refalo bhala mandatarju specjali ta` Ledaro Investments SA, kumpannija registrata fir-Repubblika tal-Panama bin-numru ta` registrazzjoni 718709**

***kontra***

**Ulmart Holdings Limited (C73977)**

***u***

**b`digriet tal-4 ta` Dicembru 2018 Donna Union Foundation, fondazzjoni registrata taht il-ligijiet ta` Liechtenstein bin-numru FL-0002.065.578-8, giet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis***

**Dan huwa provvediment dwar rikors li pprezenta Dr John Refalo noe fil-25 ta` Settembru 2018 fejn talab il-hatra ta`**

**Amministratur Provvizorju ghall-kumpannija Ulmart Holdings Limited (C73977)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors fejn intalbet il-hatra ta` Amministratur Provvizorju ghall-kumpannija Ulmart Holdings Limited sabiex jiehu kontroll taghha u tal-assi taghha, inkluzi dawk li jinsabu barra minn Malta, kif ukoll li jinghata kull informazzjoni dwar il-qaghda finanzjarja taghha u tal-kumpanniji li tikkontrolla, kif ukoll dwar l-assi u d-djun.

Rat ir-ragunijiet li gab ir-rikorrent noe in sostenn tat-talba. Fil-**qosor** kienu dawn :

1 Illi hemm pendenti quddiem il-Qorti kif presjeduta kawza fejn saret talba ghax-xoljiment u ghall-istralc ta` Ulmart Holdings Limited ("**Ulmart**") abbazi li mhijiex f`qaghda li thallas id-djun taghha, kif ukoll abbazi li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-istralc taghha.

2 Illi ghandu kreditu kanonizzat kontra Ulmart fl-ammont ta` US$35,044,931.51, flimkien mal-interessi relattivi fuq il-kapital bir-rata ta` 6%, u flimkien mal-ispejjez legali u dawk relattivi ghall-arbitragg li jammontaw ghal US$401,112.89 a tenur ta` lodo finali tal-25 ta` April 2018 moghti mit-Tribunal Arbitrali taht l-awspici tal-London Court for International Arbitration (LCIA). Ir-registrazzjoni tal-lodo hija mertu ta` proceduri pendenti quddiem ic-Centru dwar l-Arbitragg ta` Malta. Il-lodo diga` gie registrat u dikjarat enforzabbli kontra Ulmart minn Qorti f`Cipru.

3 Illi l-kreditu ghadu dovut. Illi l-kreditu ghadu pendenti u l-ebda pagamanet ma sar lir-rikorrent noe.

4 Illi bhala kreditur ghandu interess jassigura li l-assi ta` Ulmart jigu konservati li ma jigux dissipati.

5 Illi jidher li hemm tilwim serju bejn l-azzjonisti ta` Ulmart, liema tilwim wassal ghal proceduri gudizzjarji u arbitrali f`numru ta` fora u gurisdizzjonijiet.

6 Illi kien hemm bidliet fil-bord tad-diretturi ta` Ulmart fejn diretturi godda kienu kumpanniji, fatt li jaghmel aktar difficli ghall-Qorti u ghall-kredituri li jikkontrollaw dak illi taghmel il-Kumpannija Intimata.

7 Illi Ulmart mhijiex tipprezenta l-financial statements li obbligata tipprezenta skont il-ligi.

8 Illi l-assi ta` Ulmart huma l-kumpannija sussidjarji taghha. Il-qaghda ta` dawn hija hazina tant jew qeghdin taht amministrazzjoni inkella gew dikjarati fi stat ta` insolvenza.

Rat ir-risposta li pprezentat Ulmart fit-8 ta` Ottubru 2018.

Rat illi fir-risposta kienet opposta t-talba tar-rikorrent noe.

Rat illi r-ragunijiet ghall-opposizzjoni fil-**<u>qosor</u>** kienu dawn :-

1 Illi t-talba ghax-xoljiment u stralc ta` Ulmart qeghda tkun opposta fil-kawza principali.

2 Illi r-rikors odjern u l-kawza principali huma manuvri abbusivi orkestrati minn uhud mill-azzjonisti ta` Ulmart sabiex titkisser Ulmart ghad-dannu tal-azzjonist l-iehor ta` Ulmart.

3 Illi llum il-kumpannija tinsab f`qaghda illi tmexxi l-affarijiet taghha b`governanza tajba.

4 Il-hatra ta` Amministratur Provvizorju mhuwiex fl-ahjar interess tal-kumpannija esponenti.

5 Illi Ulmart m`ghandhiex negozju proprju ghaliex kienet kostitwita sabiex tiffunzjona biss bhala holding company u l-attivita` taghha hija limitatament iz-zamma ta` ishma f`sussidjarji, (prevalentement registrati r-Russja), tramite liema sussidjarji jigi gestit in-negozju effettiv tal-grupp. Ghaldaqstant l-assi principali jinsabu fizikament gewwa r-Russja fi hdan is-sussidjarji taghha;

6 Illi huwa minnu illi bejn l-azzjonisti kien hemm u ghad hemm tilwim fir-rigward ta` l-operat tal-kumpannija.

7 Illi effett tal-lodo l-persuni rapprezentanti mir-rikorrent noe kienu ordnati jixtru l-ishma tal-intervenuta fil-kawza principali f`Ulmart ghall-prezz ta` US$67,000,000. Il-hlas ghadu ma sarx u qed isir minn kollox sabiex dak il-hlas ma jsirx. Ghalhekk saru l-procediment odjern u l-kawza principali.

8 Illi l-assi diga` jinsabu taht sorveljanza u ghalhekk ma hemm ebda riskju ta` sparpaljar jew tnaqqis fil-valur ta` l-istess assi, liema assi lanqas jinsabu taht il-kontroll effettiv tad-diretturi ta` Ulmart izda taht il-kontroll ta` amministraturi terzi.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tas-smigh tar-rikors.

Semghet is-sottomissjonijiet li saru mid-difensuri.

Rat illi r-rikors thalla ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

**Ikkunsidrat :**

L-iskop tal-provvediment tal-lum mhuwiex sabiex ikun determinat jekk hijiex fondata jew le t-talba li ppropona r-rikorrent noe ghax-xoljiment u stralc ta` Ulmart abbazi tal-kawzali ndikati fil-kawza principali.

Dak isir f`waqtu fil-kawza principali, li ghad trid tinstema`.

L-iskop ta` l-provvediment tal-lum huwa **<u>limitat biss</u>** ghall-kwistjoni ta` jekk hemmx bzonn jinhatar Amministratur Provvizorju ghal Ulmart fil-pendenza tal-kawza principali.

**Ikkunsidrat :**

Il-hatra ta` Amministratur Provvizorju hija regolata bl-**<u>Art 228 tal-Kap 386</u>** li jaqra hekk :-

*(1) The court may by order appoint a provisional administrator at any time after the presentation of a winding up application and before the making of a winding up order, and either the official receiver or any other competent person may be so appointed.*

*(2) The provisional administrator shall carry out such functions and powers in relation to the administration of the estate or business of the company as the court may specify in the order appointing him.*

*(3) The provisional administrator holds office until such time as the winding up order is made or the winding up application is dismissed unless before such time he resigns.*

Il-ligi taghti lill-qorti diskrezzjoni wiesa` li tahtar Amministratur Provvizorju f`kull zmien <u>wara</u> li jkun gie pprezentat ir-rikors ghal stralc u <u>qabel</u> ma taghmel ordni ghal stralc.

Hekk sar fil-kaz odjern.

Il-persuna li l-qorti ghandha diskrezzjoni li tahtar tista` tkun jew ir-Ricevitur Ufficjali, inkella xi persuna ohra kompetenti.

Jekk ikun hemm ordni ta` hatra, hija l-qorti li ghandha l-jedd li tispecifika l-funzjonijiet u s-setghat tal-Amministratur Provvizorju.

L-Amministratur Provvizorju jibqa` jzomm l-inkariku saz-zmien li jsir l-ordni ghal stralc jew inkella fil-kaz li r-rikors ghal stralc ikun michud.

**Ikkunsidrat :**

Fil-procediment odjern kull naha qalet taghha, favur jew kontra l-hatra.

**Ghaliex hekk ghandu jkun, sejra zzomm lura, kemm tista`, minn kull affermazzjoni, li tista`twassal - tajjeb jew hazin - lil kull min ghandu interess sabiex jahseb li tista` tkun qeghda tiehu linja ghal dak li jirrigwarda l-kawza principali.**

**Dan premess, *u*, wara li qieset b`reqqa dak li hareg mill-provi, in partikolari mix-xiehda ta` Neville Carabott, li huwa l-Company Secretary ta` Ulmart, u l-Managing Director ta` Estera Corporate Services Limited, li hija wahda mid-diretturi ta` Ulmart, <u>sejra tahtar il-Amministratur Provvizorju ghal Ulmart</u>.**

**Qeghda tasal ghal din il-hatra ghaliex accertat li ghalkemm il-kumpanniji sussidjarji, li jiffurmaw l-assi ta` Ulmart diga` jinsabu taht amministrazzjoni, l-effetti ta` dik l-amministrazzjoni, ma jirrizultawx, ghas-sodisfazzjon taghha, illi qeghdin jaslu ghand il-holding company u cioe` Ulmart, u cioe` informazzjoni shiha dwar x`qed isir fis-sussidjarji.**

**Dan premess, sejra tinsisti li l-persuna li tinhatar tkun biss persuna istituzzjonali ta` fiducja taghha.**

**Ikkunsidrat :**

Tqis illi l-funzjoni ewlenija tal-Amministratur Provvizorju ghandha tkun illi jippreserva l-assi kontra r-riskju ta` sparpaljar jew ta` tnaqqis fil-valur b`azzjoni ta` terzi.

Il-qorti ttraccjat dak li jrid isir.

Ghall-bqija, sejra thalli ghall-kompetenza tal-persuna li sejra tkun maghzula.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti tilqa` t-talba tar-rikorrent noe.**

**Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali sabiex iwettaq it-talba tar-rikorrent noe.**

**Spejjez riservati ghall-gudizzju finali fil-mertu.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**